Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 378/2015

Il-Pulizija

Vs

Joseph Pisani

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Pisani detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 493073M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Marzu, 2015 ghall-habta ta' 11:00hrs waqt li kien gewwa l-Bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, Valletta;

1. Hebb kontra l-persuna ta' martu, Claire Pisani sabiex jingurjha, idejjaqha jew sabiex jghamel hsara li din il-persuna jew lil haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' Claire Pisani.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ordnat obbligazzjoni ghas-sigurta' tal-persuna ta' Claire Pisani taht l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena taht penali ta' sitt mitt ewro (€600).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgoba tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni dedotta u tilliberah skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Pisani huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant talab kopja tas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu sabiex jhejji l-appell tieghu, fil-15 ta' Lulju 2015 huwa inghata biss il-kopja tal-komparixxi li fuqha kien hemm il-kliem 'Art 383 Kap 9 ghal sena taht penali ta' €600', [Annessa u mmarkata bhala Dok A].

Illi minn harsa lejn dan id-dokument jidher ben car li dan ma jissodisfax ir-rekwiziti minimi stabilliti mil-ligi dwar x'ghandu jkun fiha sentenza [Vide Art. 382 tal-Kap. 9]. Huwa minnu li fi proceduri sommarji ma hijiex rikjesta r-rigorisita' procedurali li hija stabillita fi proceduri penali ohra pero' 'is-sentenza' in kwistjoni bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika u sibiljana;

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija fl-imputat appellant stante li ma gewx ippruvati la l-elementi tal-actus reus u wisq inqas l-elementi tal-mens rea kostituttivi tar-reat addebitat lill-esponent.

Mix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, anke mix-xhieda moghtija minn Claire Pisani nnifisha jirrizulta li waqt li l-imputat u Claire Pisani kienu hergin il-barra mill-awla, minhabba rassa ta' nies li kienu hdejn il-bieb tal-awla, l-imputat laqat lil Claire Pisani.

Minn l-ebda xhieda ma jirrizulta li l-imputat hebb ghal Claire Pisani.

Fid-dawl ta' dan, wisq inqas jirrizulta l-mens rea rikjesta sabiex tinstab htija. L-appellant lanqas l-aktar grad baxx ta' element intenzjonali ma kellu li jikser xi disposizzjoni tal-ligi.

Jirrizulta li Claire Pisani ma sofriet l-ebda griehi, l-anqas feriti hfief.

Ikkunsidrat,

Illi sorvolat l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellanti u dan permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti tat-22 ta' Settembru 2016, jifdal ghalhekk biex jigi trattat l-gravam fil-mertu fejn l-appellanti jikkontendi illi l-provi imressqa mill-prosekuzzjoni ma kenux jilhqu il-grad rikjest mill-ligi ai fini ta' reita' billi ma hemmx prova la tal-*actus reus* u wisq anqas tal-*mens rea* fl-appellanti biex jikkommetti l-kontravvenzjoni lilu addebitata.

Illi l-fatti tal-kaz huma piuttost semplici bl-appellanti jgi akkuzat, u dan fuq rapport maghmul minn martu, li huwa taha daqqa b'spalltu hekk kif kien ghaddej minn hdejha fil-kuridur tal-Qorti. L-ko-litigandi ghandhom kawza ta' separazzjoni pendenti bejniethom u kwindi ma hemmx dubbju illi xi forma ta atrit huwa prezenti. L-appellanti jikkontendi illi huwa seta laqat lil martu izda dan accidentalment minhabba ir-rassa tan-nies li dak in-nhar kien hemm fil-kuridur tal-Qorti precizament barra l-awla nurmu 11. Kwindi fil-fehma tieghu ma hemmx prova li tista' tindika illi huwa hebb ghaliha kif qed jipprospettaw l-parte civile u l-prosekuzzjoni.

Jibda biex jinghad fil-qasam kontravvenzjonali illi:

*"ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li l-imputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici.[1]"*

Dan ghaliex,

*"il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede[2]."*

Illi allura l-element intenzjonali f'dina l-akkuza ta' natura kontravvenzjonali ma hemmx bzonn li jigi ippruvat u cioe' li l-imputat ghamel l-azzjoni inkriminatorja b'xi hsieb maghmul, b'xi intenzjoni premeditata. Il-volontarjeta' ta'l-att innifsu hija bizzejjed u cioe illi huwa bizzejjed illi jigi ippruvat li meta l-appellanti ghadda minn hdejn martu u taha daqqa fuq spallitha bi spalltu huwa ghamel hekk b'mod

[1] Il-pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960

[2] Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958

volontarju u dan sabiex kif tirrikjedi il-ligi, jingurjaha, idejjaqaha jew ighamillha hsara.

Issa din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma liz-zewg ko-litigandi jaghtu x-xhieda taghhom, liema xhieda hija wahda kontrastanti bil-parti leza tikkontendi illi din l-azzjoni saret volutament minn zewgha l-appellanti sabiex idejjaqaha filwaqt li l-appellanti, ghalkemm ma jistax jeskludi li huwa seta taha daqqa lil martu, madanakollu jikkontendi illi jekk dan sehh kien b'mod accidentali. Issa l-appellanti tixhed u tghid illi meta sehh dan l-att hija ma kenitx wahedha fil-kuridur izda hdejha kien hemm l-avukati taghha, ghalkemm dan il-fatt ma issemmiehx meta taghmel ir-rapport lill-pulizija u lanqas tressaq lil dawn l-avukati bhala xhieda. Illi madanakollu din il-Qorti tista' tasal biex tikkonkludi allura, bhal kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, illi l-azzjoni ta'l-appellanti saret deliberatament u mhux b'mod accidentali. L-parti leza fil-fatt tikkontendi illi d-daqqa tant kienet kbira illi waqalha il-basket minn fuq spallitha. L-appellanti minn naha tieghu jghid illi lanqas jiftakar jekk dan sehhx u ghalkemm jinsisti illi kien hemm xi *CCTV footage* madanakollu din il-prova qatt ma tingieb.
Illi l-appellanti mhuwiex kredibbli. Ibda biex lanqas jaghti spjegazzjoni kif fil-kuridur tal-Qorti huwa ghogbu ighaddi ezattament minn hdejn martu minflok evita l-iskontru. Ma jispjegax kif seta allura jolqot partikolarment lilha minhabba l-allegata rassa u mhux xi persuna ohra mill-hafna li jallega li kienu prezenti dakinhar. Fil-fatt ghalkemm ma jichadx li seta laqatha madanakollu konvenjentement ma jiftakarx dina l-azzjoni partikolari. L-parti leza kienet aktar preciza fix-xhieda taghha u tirrakonta ezattament dak li sehh.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-agir ta'l-appellanti allura jaqa' sewwa fil-parametri tal-ligi li tohloq dan ir-reat ta' natura kontravvenzjonali bl-awtur tieghu jenhtieglu biss jintenta juza l-forza u dan sabiex idejjaq, jaghmel hsara jew jingurja lill-vittma tieghu, elementi li f'dan il-kaz jirrizultaw ippruvati meta l-appellanti agredixxa lil martu meta ghadda minn hdejha appozitament u taha daqqa qawwija bi spalltu bil-ghan li idejjaqha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata bit-terminu ta' sena ai fini tal-applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kap.9 jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur